MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 1130/2010

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Antoine Camilleri (Id 222180M) f'ismu propju u ghan-nom u in-rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali St. Philip Caterers Limited (C 30507).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, erba` mija u tletin ewro u disa` u sebghin centezmu (€2,430.79) minghand il-konvenut pro et nomine, in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21460523, 21461974 u 21466360. U minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, il-konvenut pro et nomine baqa inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data ta` l-ahhar pagament, u cioe` mit- 30 ta` Marzu 2009, kontra l-konvenut pro et nomine ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut pro et nomine gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut pro et nomine naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut pro et nomine jhallas is-somma ta' elfejn, erba` mija u tletin ewro u disa` u sebghin centezmu (€2,430.79), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut pro et nomine.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------